MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2005

Numru. 1031/2004

**PULIZIJA**
**SPETTUR CARMELO MAGRI**
**VS**
**NOEL GRECH**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Noel Grech ta’ 39 sena bin Carmel u Helen nee Farrugia, imwieled fir-Rabat Ghawdex fit-13 ta’ Dicembru 1964, residenti fil-fond 93, Triq San Guzepp, Zabbar detentur tal-karta tal-identita bin-numru 49464G.

Talli nhar il-15 ta’ Settembru 2004 ghall-habta tal-10.00 ta’ fil-ghaxija ddenunzjajt lill-Pulizija Ezekuttiva ta’ Haz-Zabbar reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq hloqt tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar u dan bi ksur ta’l-Artikolu 110(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' l-kaz;

Rat il-verbal tat-23 ta' Gunju 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Rat il-verbal tat-23 ta' Gunju 2005 fejn il-Qorti wara li tat lill-imputat l-opportunita biex jirripensa ruhu mid-dikjarazzjoni li ghamel, l-imputat ghazel li jirrikonferma l-ammissjoni tieghu..

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghha il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Illi ghar-rigward tal-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fedina penali nadifa netta tal-imputat, u wara li rat Art 7 tal-Kap 446, Art 110 tal-Kap 9 u tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' sentejn taht is-supervizzjoni ta' Mariella Camilleri, Direttur tal-Probation Services jew probation officer minnha nominat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------